# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 21 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 49.
Citazz. Nru. 911/99 JRM

**Pamela WATHEN f'isimha proprju kif ukoll bhala mandatarja specjali ta' binha Anthony James WATHEN assenti minn Malta; u Amanda Jane WATHEN**

**vs**

**Alexander Patrick CUTAJAR u Mariella CUTAJAR.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni imressaq fit-23 t'April, 1999, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' LM1,440 liema somma tirrapresenta kera arretrata u dovuta tal-perjodu 1 ta' Jannar 1999 sal-31 ta' Marzu 1999, ai termini ta' erba' kuntratti ta' kera, hawn annessi bhala Dok. "A, B, C, D u E" u datati 12 ta' Frar 1983, 30 ta' Dicembru 1986, 30 ta' Dicembru 1986, 28 ta' Jannar 1985 u 9 ta' Mejju 1991, rispettivament, u li permezz taghhom l-atturi krew lill-konvenuti, il-fondi rispettivi: 22 u 22a, f'Marina Street, Marsascala; zewg kmamar fil-fond 21, New Street, Marsascala; 21, New Street, Marsascala, il-fond bin-numri 19 u 20 Marina Street, Marsascala u t-tlitt appartamenti li jinsabu fin-numru 20 New Street, Marsascala;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellati, anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi fil-fehma tal-atturi il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjoni valida x'jaghtu kontra din l-azzjoni;

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sittin (167) "et sequitur" tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jigi hawn anness Affidavit tal-attrici Pamela Wathen u mmarkat bhala Dok. "G";

Ghalhekk l-attrici proprio et nomine talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma minnhom dovuta ta' LM1,440 liema somma tirrapresenta kera arretrata u dovuta tal-perjodu 1 ta' Jannar 1999 sal-31 ta' Marzu 1999, ai termini ta' erba' kuntratti ta' hawn annessi bhala Dok. "A, B, C, D u E" u datati 12 ta' Frar 1983, 30 ta' Dicembru 1986, 30 ta' Dicembru 1986, 28 ta' Jannar 1985 u 9 ta' Mejju 1991, rispettivament, u li permezz taghhom l-atturi krew lill-konvenuti, il-fondi rispettivi: 22 u 22a, f'Marina Street, Marsascala; zewg kmamar fil-fond 21, New Street,

Marsascala; 21, New Street, Marsacala, il-fond bin-numri 19 u 20 Marina Street, Marsascala u t-tlitt appartamenti li jinsabu fin-numru 20 New Street, Marsascala;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tas-sekwestru tas-16 ta' April 1999 u bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xiehda tal-atturi, flimkien mal-hames (5) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet taghha (diversament presjeduta) tat-30 t'April, 1999, li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-17 ta' Mejju, 1999, bil-procedura sommarja specjali, f'liema data l-istess Qorti, b'Degriet ta' dak inhar, tat lill-imharrkin il-jedd li jressqu Nota tal-Eccezzjonijiet wara li sehhilhom juru li kellhom ragunijiet xierqa biex jikkontestaw il-kawza;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti tal-1 ta' Gunju, 1999, li biha eccepew:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija intempestiva u irritwali stante li l-hlas mitlub mill-atturi jirrapprezenta kirjiet li ghalqu fl-ahhar ta' Jannar, fl-ahhar ta' Frar u fl-ahhar ta' Marzu tas-sena kurrenti 1999, u kuntrarju ghal dak li gie dikjarat bil-gurament mill-atturi, il-konvenuti qatt ma gew interpellati ihallsu dawn l-ammonti, la ufficjalment u anqas mhux ufficjalment;

2. Illi l-pretensjonijit attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti huma prekluzi milli jghaddu hlasijiet lill-atturi billi l-istess konvenuti gew notifikati bhala sekwestratarji bil-mandat ta' sekwestru Numru 685/99, liema mandat gie a konoxxenza ta' l-atturi qabel ma l-istess atturi intavolaw ic-citazzjoni odjerna;

3. Illi s-somma pretiza mill-atturi mhix kollha dovuta stante li l-kirja tal-fondi 22 u 22A m'ghadhiex dovuta peress li l-atturi m'ghadhomx sidien ta' dawk il-fondi;

4. Illi bla pregudizzju u sekondarjament ghal dak kollu suespost, dato ma non concesso li xi somma inferjuri ghal dik reklamata hija fil-fatt dovuta lill-atturi, gialadarba dik is-somma tkun ta' inqas minn elf lira it-talba attrici mhix kompetenza ta' din il-Qorti Superjuri;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-konvenuti;

Rat id-Degriet tal-20 ta' Marzu, 2000 (pagna 32-33 tal-process) li bih il-Qorti (diversament presjeduta) baghtet il- kawza *sine die* wara li l-Avukat tal-konvenuti iddikjara li l- pendenza giet irrangata bejn il-partijiet;

Rat ir-Rikors tal-atturi tas-27 ta' Marzu, 2000 (pagna 34) li bih talbu lill-Qorti terga' tqieghed il-kawza mill-gdid ghas-smigh;

Rat id-Degriet tat-23 ta' Mejju, 2000 (pagna 37) li bih il-kawza tqeghdet mill-gdid ghas-smigh ghat-22 ta' Gunju, 2000;

Rat l-atti kollha tal-kawza, b'mod partikolari n-Noti u d-dokumenti mressqa mill-partijiet waqt is-smigh;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet taghha tat-8 ta' Frar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-mertu tal-kawza, jigifieri l-hlas min-naha tal-imharrkin tal-ammont mitlub mill-atturi, intemm matul is-smigh taghha. Mid-dehra, dan sehh bil-hlas min-naha tal-istess imharrkin, ghalkemm ta' min jghid ukoll li l-atturi qatt ma ressqu nota ta' cessjoni dwar dan minkejja li din il-possibilita' ssemmiet fil-verbal tas-smigh tal-20 ta' Marzu, 2000;

Illi l-imharrkin jghidu li m'ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-kawza, ghaliex ma kellhom l-ebda htija li ma hallsux qabel, minhabba li kienu mizmuma milli jaghmlu dan b'Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 685/99 mahrug mis-Socjeta' Cutalex Tourist Company Limited fid-19 ta' Frar, 1999. F'dak il-kaz, il-Mandat inhareg kontra l-atturi ta' din il-kawza, u l-imharrek Alexander Patrick Cutajar kien sekwestratarju. L-ammont pretiz mir-rikorrenti kontra l-intimati (l-atturi f'din il-kawza) kien ta' Lm20,000 [Dok "CA-6", f'pagna 66-68];

Illi l-imsemmi Alexander Cutajar, bhala sekwestratarju, iddeposita b'Cedola taht l-awtorita' ta' din il-Qorti somma flus (Lm1355.50) minhabba dak il-Mandat [Dok "PRW1", f'pagna 44 tal-process]. Dak inhar li Alexander Cutajar ressaq ic-Cedola ta' Depositu, kien ilu hamest (5) ijiem li rcieva l-Att tac-Citazzjoni u l-Avviz tas-Smigh ta' din il-kawza [ara r-riferta f'pagna 23 tergo];

Illi dak il-Mandat tnehha fit-2 ta' Novembru, 1999, bis-sahha ta' Kontro-Mandat numru 4748/99;

Illi l-imharrkin mizzewgin Cutajar huma l-azzjonisti tal-Kumpannija Cutalex Tourist Company Limited, u l-Mandat ta' Sekwestru numru 658/99 fuq imsemmi inhalef mill-konvenuta f'din il-kawza Mariella Cutajar, bin-notifika lis-sekwestratarju tinhareg kontra zewgha l-imharrek Alexander Pagtrick Cutajar u ssir fil-5 ta' Marzu, 1999 [Dok "AC-6", f'pagna 69 tal-process];

Illi, meta nhareg il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi, l-atturi ma kinux ghadhom fethu l-kawza presenti, filwaqt li jidher li l-kumpannija esekutrici kienet fethet proceduri kontra l-atturi f'din il-kawza;

Illi, fl-14 t'April, 1999, l-atturi tal-lum ressqu talba biex il-Qorti tnehhi l-Mandat ta' Sekwestru 658/99 jew tordna lill-kumpannija rikorrenti li ggib garanzija xierqa ghall-penali [Dok "AC-4", f'pagni 61-62] dwar liema talbiet inghata Degriet fit-30 ta' Mejju, 1999 [Dok "AC-5", f'pagni 63-65 tal-process]. Il- kawza presenti nfethet wara li l-atturi ressqu t-talba ghat-thassir tal-Mandat u qabel ma nghata d-Degiret dwar dik it-talba;

Illi f'kull wiehed mill-ftehim li sar bejn l-awtur tal-atturi u l-imharrek [ara Dok "A", pagni 5-6 tal-process; Dok "B", pagna 8; Dok "C", pagna 10; Dok "D", pagna 14; u Dok "E", pagna 19], kien stipulat li s-sidien kellhom dritt jitolbu li jinhall il-ftehim jekk kemm-il darba l-kerrej jaqa' moruz u jonqos li jwettaq il-hlas sa zmien specifiku hemm miftiehem minn meta jkun ircieva talba ghall-hlas b'att gudizzjarju;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, minn qari bir-reqqa tal-atti tal-process, b'mod partikolari x-xhieda bl-affidavit tal-partijiet, wiehed ghandu jsib li, fuq is-sahha tal-kostatazzjonijiet maghmulin hawn fuq, hemm ghadd ta' fatti li ma jseddqux il-posizzjoni mehuda mill-imharrkin;

Illi, fl-ewwel lok, meta l-atturi fethu l-kawza, l-imharrkin kienu tassew qeghdin moruzi fil-hlas ta' kera. Jista' jaghti l-kaz li, bejn l-ammont mitlub mill-atturi u l-ammont accettat mill-imharrkin, kien hemm nuqqas ta' qbil: imma dan ma kienx ta' izjed minn Lm60;

Illi, fit-tieni lok, fil-klawsoli fuq imsemmija tal-ghadd ta' ftehim li saru bejn l-awtur tal-atturi u l-imharrek fejn tissemma interpellazzjoni b'att mill-qorti, din il-procedura kienet marbuta mal-ghazla tas-sid li jitlob il-hall tal-ftehim. Ma kien hemm l-ebda rabta jew procedura specifika fejn is-sid jfittex ghall-hlas ta' kera arretrat;

Illi, fit-tielet lok, ghalkemm l-imharrek kien notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru f'Marzu, 1999, ma kienx qabel ma kien diga' gie

notifikat bl-Att tac-Citazzjoni li huwa ghadda biex iddeposita l-flus taht l-awtorita' tal-Qorti, madwar xahrejn wara. Kieku kien ressaq depositu qabel ma kienet saret ic-Citazzjoni, il-qaghda kienet forsi tiehu xejra ohra;

Illi, fir-raba' lok, hija haga iebsa biex wiehed jikkonvinci ruhu minn dak li jallega l-imharrek li ma setax ihallas lill-atturi qabel minhabba li kien hemm il-Mandat ta' Sekwestru: dan jinghad ghaliex meta ghamel id-depositu bic-Cedola, il-Mandat kien ghadu fis-sehh;

Illi, fil-hames lok, il-Mandat inhareg kontra l-atturi minn kumpannija kontrolata mill-imharrkin. L-ghazla li jinbdew il-proceduri bil-Mandat kienet taghhom, u ma jidhirx la xieraq u lanqas ekwu li jressqu bhala raguni tan-nuqqas ta' hlas f'waqtu min-naha taghhom lill-atturi f'din il-kawza l-istess Mandat mahrug minnhom;

Illi, fis-sitt lok, hija ghal kollox irrilevanti, ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwestjoni tal-ispejjez ta' din il-kawza, l-istqarrija tal-imharrek (ara Affidavit tieghu, pagna 56 tal-process) li l-Mandat ta' Sekwestru nhareg ghax ghandu bizgha fondat li l-atturi f'din il-kawza m'humiex se' jkunu f'qaghda li jhallsu lill-kumpannija tieghu il-kumpens li tista' taghtiha l-Qorti f'kaz ta' esitu favorevoli ghaliha kontrihom;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi;**

U tiddeciedi li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-imharrkin, flimkien mal-imghaxijiet legali li jghaddu mid-data li l-kera kien dovut sa dak inhar li sar il-hlas effettiv lill- atturi.

**Moqrija.**

*21 ta' Marzu, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Marzu, 2001.**